**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA** | **SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

47/19

**Is-Seba' u erbgħin (47) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar l-12 ta' Novembru, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat:** | Gianluca Falzon | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata
   (a) Rendikont Finanzjarju Lulju 2015 – Settembru 2015
   (b) Rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni – Tender SVLC/T/01/2015
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fil-6.40 ta' filgħaxija.

*2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti tas-46 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

**2.2 Korrezzjoni tal-Minuti tas-46 Laqgħa**

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

2.2.1 **Minuta 3.1.2**- tinbidel il-kelma "jorganiżża" u ssir "jorganizza" u jinbidel il-kunjom "Carrabott" u jsir "Carabott", tinbidel il-kelma "jibagħat" u ssir "jibgħat" u tinbidel il-kelma "konċernati" u ssir "ikkonċernati"

2.2.2 **Minuta 7(c)** – tinbidel il-frażi "Kommunitarju tal-Vendirzi" u ssir "Komunitarju tat-Terzjarji Karmelitani Vendriżi".

2.2.3 **Minuta 10.3** – tinbidel il-kelma "nofrma" u ssir "nforma"

2.2.4 **Minutja 10.4** – quddiem in-numru "38" tiżdied "€".

**Fis-6.50pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Jonathan Brimmer**

**3.1. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti tal-46 Laqgħa**

3.1.1 **Minuta 2.2.1** – Is-Sur Carabott talab lis-Sindku li għandu mistoqsija ta' kjarifika għas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ma sab l-ebda oġġezzjoni u s-Sur Carabott staqsa lis-Segretarju jekk kienx ċempel lill-Membri tal-Kunsill dwar li ser tissejjaħ il-laqgħa b'urġenza. Is-Segretarju wieġeb li fil-liġi m'hemmx stipulat li meta tissejjaħ laqgħa b'urġenza s-Segretarju huwa obbligat li jċempel lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ikkonfermali nekkellux bżonn iċempel.

3.1.2 Minuta 3.1.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill ~~li l-Kunsill~~ irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-Kunsill ser jibbenifika minn din l-iskema u ser jingħata l-ammont ta' €3000 sabiex b'hekk tkun tista' ssir l-attivita' tal-400 sena tal-Akkwadott. Is-Sindku qal li kien previst li din l-attivita' ssir fil-5 ta' Diċembru, 2015 iżda minħabba l-fatt li l-ġurnata hija fil-viċin il-Kunsill ser jitlob lid-Dipartiment sabiex l-imsemmija attivita' ssir is-sena d-dieħla.

F'dan l-istadju (7.05pm) is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt 7 (a) tal-Aġenda – Rendikont Finanzjarju Lulju-Settembru 2015

Il-Membri qablu unanimament

**7. Ordnijiet tal-Ġurnata**

**(a) Rendikont finanzjarju Lulju - Settembru 2015**

Is-Sur Chris Farrugia spjega fid-dettal ir-rendikont finanzjarju bejn Lulju u Settembru 2015.

Il-Membri qablu unanimament u r-rapport ġie approvat.

Fis-7.30 ta' filgħaxija s-Sur Christian Farrugia ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

**Tkomplija tal-affarijiet li jitqajjmu mill-minuti tal-46 Laqgħa**

3.1.3 **Minuta 3.1.2** - Is-Sindku talab lis-Sur Jonathan Brimmer sabiex jinforma lil-membri tal-Kunsill kif kienet żvolġiet il-laqgħa li kellu mall-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Il-Viċi Sindku Jonathan Brimmer qal li, kif deċiż fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, hu ltaqa' mal-Youth Worker ta' Aġenzija Żgħażagħ, is-Sur Andre Bonello, fil-preżenza tas-Sindku tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ ta' Santa Venera, is-Sur Gianluca Falzon. Il-Vici Sindku qal li s-Sur Bonello spjegalu dwar l-inċident li fih irċieva messaġġ mingħand kollega tiegħu bil-għan li jiskoraġġixxieh milli jkompli jaħdem fuq l-applikazzjoni għal proġett ta' restawr tan-niċeċ f'Santa Venera, liema proġett kienu se japplikaw għalih il-membri tal-Kunsill taż-Żgħażagħ. Il-Viċi Sindku spjega wkoll li s-Sur Bonello qal li kien se jibqa' jaħdem maż-żgħażagħ, kemm fuq l-applikazzjoni għall-progett ta' restawr tan-niċeċ, kif ukoll fuq inizjattivi oħra, bħal attivita` ta' 'Clean-up Day' f'Santa Venera.

3.1.4 **Minuta 3.1.3** – Is-Sindku nforma lill-membri li fil-15 ta' Novembru 2015 ser ikun hemm l-attivita' tal-Fun Run tal-MCCF organizzata mill-Eċċ President ta' Malta. F'dan ir-rigward huwa ppropona sabiex il-Kunsill jipparteċipa billi l-Kunsill jixtri 250 bużżieqa li jiswew €350 sabiex tinħoloq atmosfera.

Is-Sur Jonathan Brimmer ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri tal-Kunsill qablu unanimament ma' din l-inizzjattiva.

3.1.5 **Minuta 3.1.4** - Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill irċieva mingħand Middlesea insurance l-ammont ta' €188.91 għal dawk il-flus li kienu mitlufa.

3.1.6 **Minuta 4.1** - Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lis-servizz ta' ġbir ta' ħwejjeġ mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill beda u qiegħed isir l-ewwel Tnejn ta' kull xahar fejn għall-ewwel darba inġabru madwar sitt xkejjer ħwejjeġ.

3.1.7 **Minuta 7(c)** - Is-Sindku nforma lill membri li ntalbu kwotazzjonijiet għall-ikel u xorb minħabba l-attivita' ta' Jum Santa Venera. Wara diskussjoni, ġie propost James Confectionery għall-ikel li l-ammont huwa madwar €653.08 li kienet l-irħas waħda u vantaġġjuża.

Is-Sur Jason Mangani ssekonda l-proposta tas-Sindku filwaqt li l-membri l-oħra qablu unanimament.

3.1.8 Minuta 7(e) Is-Sindku nforma lill-membri li l-festin tal-Milied tat-tfal isir fid-29 ta' Diċembru ġewwa Bacchetta Magica fejn l-ispiża bl-ikel inkluż tiswa €150 u l-animazzjoni għat-tfal tiswa €135. Bħala rigal is-Sindku ssuġġerixxa kotba. Is-Sindku ippropona sabiex il-biljetti għal dan il-festin ikunu ta' €5 għal kull tifel u tifla. Is-Sindku kompla billi nforma wkoll lill-membri li t-tqassim tar-rigali mill-Father Christmas ser isir it-Tlieta 22 ta' Diċembru wara l-4.30pm. L-ispiża għal kull dar ser tkun ta' €4. Is-Sindku ppropna li din l-ispiża tkun ssusidjata mill-Kunsill u b'hekk il-Kunsill iħallas €2 għal kull dar u €2 l-oħra tkun imħallsa minn min ikun interessat. Għar-rigward tal-attivita' tal-Milied ġie deċiż li din issir fis-27 ta' Diċembru fejn kien hemm qbil li jinġiebu l-Big Friends Guggen Musik għal €1,000.

Is-Sinjura Elizabeth Vella ssekondat lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

3.1.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera dwar it-traffic Management ta' Triq il-Madonna tal-Karmnu. Kien hemm parir biex nieħdu parir minn TM dwar dan.

3.1.10 Minuta 10.8 Is-Sindku nforma lill-membri li skatta l-progett tal-Palazz l-Aħmar fejn il-Perit tal-Kunsill tefa' l-applikazzjoni l-Mepa għall-permessi meħtieġa. L-istima telgħet għal madwar €252k bl-inklużżjoni tas-CCTVs.

## 4 Korrispondenza

4.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Memo 30/2015 - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għas-Sena 2016. Is-Sindku rrimarka li hu jħoss li l-Kunsill għandu japplika għal din l-iskema sabiex b'hekk tkun tista' ssir l-attivita' fix-xhur tas-sajf fejn it-tema għandha tkun Lejla Medjavali. Is-Sindku ippropona din l-inizjattiva filwaqt li is-Sur Silvio Vella ssekonda din il-proposta.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament sabiex il-kunsill japplika għal din l-iskema.

4.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar attivita' li tista' ssir fil-karnival fi Triq il-Kbira San Ġużepp k/m Triq il-Parroċċa sal-parti k/m Triq l-Imsida. Huwa qal li Leon Promotions qed joffru dan il-programm għal €650, VAT inkluża fejn il-prezz jinkludi l-ko-ordinazzjoni kollha, trasport kollu involut, servizz ta' preżentatur, PA system, u anke ko-ordinaturi meħtieġa fuq il-post. Magħhom trid tiżdied l-ispiża ta' meter tad-dawl temporanju. Is-Sindku ssuġġerixxa li din l-attivita' għandha ssir it-Tnejn 8 ta' Frar, 2015 mit-3.00 pm 'il quddiem.

Il-Membri qablu unanimament

4.3 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-kalendarju tal-GreenPak sabiex jitqassam f'kull dar fejn fuq l-istess kalendarju jkun hemm indikat il-granet li fihom ser jingabar l-iskart irriċikabbli u l-ħġieġ matul is-sena 2016. Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill irid iħallas għat-tqassim ta' dan il-

kalendarju li tammonta għal €250. Filwaqt li l-ispejjeż kollha għal dan il-kalendarju ser jitħallsu minn GreenPak.

Il-Membri qablu unanimament

5 **Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**

5.1 Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

6 **Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 786 sa lment numru 799.

| | |
|---|---|
| 786 | Contract Manager |
| 787 | Azzjoni ttieħdet |
| 788 | Transport Malta |
| 789 | Koptasin |
| 790 | Pendenti |
| 791 | Notifika lis-Sidien |
| 792 | Ħaddiema Assenjati – Rigward l-istickers ma kienx hemm qbil |
| 793 | Work Order ilha maħruġa |
| 794 | Transport Malta |
| 795 | Azzjoni ttieħdet |
| 796 | Koptasin |
| 797 | Ħaddiema Assenjati |
| 798 | Ħaddiema Assenjati |
| 799 | Ħaddiema Assenjati |

7. **Ordnijiet tal-Ġurnata**

**(b) Rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni – Tender SVLC/T/01/2015**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jaqra r-rakkomadazzjoni tal-Bord fejn is-Segretarju spjega r-rapport tal-10 u l-11 il-laqgħa tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni dwar analiżi tat-tender – SVLC/T/01/2015 – Household Waste Collection. Is-Segretarju qal li wara li ġew skrutinjati l-erba' applikanti li tefgħu t-tender, il-membri tal-bord tal-Aġġudikazzjoni qiegħed jirrakomanda lill-Kunsill li t-Tender għandha tingħata lil Waste Collection Ltd.

Is-Sindku ppropona din r-rakkomandazzjoni lill-membri preżenti bil-Kunsilliera kollha jivvutaw favur bl-eċċezzjoni tal-Kunsillier is-Sur Anastasi li astjena.

## 8 Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati

Ġie ppreżentat tar-Rapport tal-10 u l-11 il-laqgħa tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni

## 9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri li irċieva tlett applikazzjonijiet mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, mingħand is-Sur Lino Busuttil u mingħand is-Sinj. Sharon Mifsud dwar l-akkumulazzjoni tal-VL mis-sena 2015 għas-sena 2016. Is-Sindku qal li s-Segretarju jixtieq li 60 siegħa tal-VL jigu trasferiti għas-sena 2016 filwaqt li s-Sur Lino Busuttil jixtieq li 61.25 siegħa jkunu akkumulati għas-sena 2016 filwaqt li s-Sinj. Sharon Mifsud tixtieq takkumula 31 siegħa għas-sena 2016. .

Il-membri kollha qablu unanimament

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri li hu jaħseb li għal din is-sena l-ikla tal-Milied tista' ssir il-Ħadd 20 ta' Diċembru, 2015 fis-siegħa ta' wara nofsinhar ġewwa San Antoino, San Pawl il-Baħar. Il-prezz għal kbar huwa ta' €27.50 ~~inkluż it-tips~~ u t-tfal €14 ikel u xorb inkluż. Huwa kompla billi nforma lill-membri li l-Kunsill iħallas għall-membri tal-Kunsill. Is-Sindku kompla billi qal li min irid jiġi bil-familja dan għandu jinforma lill-Kunsill u l-ħlas irid isir minn qabel.

Il-membri kollha qablu unanimament

Fid-9.20pm is-Sur Jonathan Brimmer u is-Sur Horace Anastasi ġew skużati għall-kumplament tal-laqgħa.

9.3 Is-Sindku nforma lill-membri li fl-aħħar jiem tqassmet ir-rivista "L-Akkwadott". Is-Sindku rrimarka illi minħabba l-fatt li l-popolazzjoni ġewwa Santa Venera qed tikber ir-rivista ma servietx għal kulħadd u għaldaqstant ma setgħatx titqassam f'kull dar minħabba li dawn il-kopji spiċċaw fejn il-ftehim kien ta' 2700 kopja. F'dan ir-rigward il-Kunsill għamel komunikat mal-printer sabiex b'hekk fil-ħarġa li jmiss ikollna bżonn 3200 kopja. Għaldaqstant il-prezz għal 2700 kien ta' €662 filwaqt li l-prezz għal 3200 kopja huwa ta' €785 jiġifieri varjazzjoni €123 li taqa' fil-parametri tal-liġi.

Il-Membri qablu unanimament li l-Kunsill għandu jagħmel 3200 kopja sabiex b'hekk ir-rivista tasal għand ir-residenti u l-ħwienet kollha.

9.4 Is-Sindku nforma lill-membri li waslitlu ittra legali mingħand l-Avukat John L Gauci f'isem Bilom Ltd sabiex il-Kunsill jagħti l-kunsens tiegħu lill-MEPA sabiex tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja. Is-Sindku kompla billi qal lill-membri li l-istima tal-ħsarat li saru fit-toroq ta' fejn sar

l-iżvilupp tammonta għal madwar €5800 u għaldaqstant is-Sindku ppropona li għandha ssir dikjarazzjoni għand Nutar fejn Bilom Ltd jiddikjaraw li wara li jkunu rilaxxati l-flus huma jħallsu għad-danni li għamlu fit-torq għas-skapitu tal-iżvilupp li sar.

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

9.5 Is-Sindku fakkar fir-riċiviment żgħir li jorganizza għall-kuntratturi. Dan ser isir fid-19 ta' Diċembru f'nofsinhar.

9.6 Is-Sindku ressaq proposta għal Traffic Management għal Triq Abela. Kien hemm qbil li l-ewwel tintbagħat ittra lir-residenti ~~għall-feedback~~ għar-rispons.

## 10 Aġġornament

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru, 2015 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.35 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum:

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt